MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 255/2008

Kawza fil-lista: 20

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Fuq l-awtorizzazzjoni tal-Qorti u fuq talba tieghi M. B C mizzewga E illi minn dan iz-zwieg kellna zewgt itfal.

2. Fis-sena 1994 nhar it-18 ta' Mejju l-attur tal-kawza gie kkundannat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex ihallas manteniment lil martu B C ghaliha biss ta' Lm80 fix-xahar liema retta alimentarja ghandha tigi awmentata

b’ hamsa u ghoxrin fil-mija minn kull zieda li jkollu l-attur fil-paga jew minn kull increment iehor li jircievi mix-xoghol tieghu kif ukoll kwart tal-bonus li jircievi kull sitt xhur fejn jkun qed jahdem.

3. Fis-sena 1994 nhar 19 ta’ Ottubru Christoper E appella minn din is-sentenza moghtija fil-Prim Awla tal-Qorti, u gie kkundannat li jhallas Lm60 fix-xahar, fir-residenza tad-dar taghha liema retta alimentarja ghandha tigi awmentata 25%, hamsa u ghoxrin fil-mija, kif ukoll kwart il-bonus li jircievi mill-post tax-xoghol tieghu.

4. Cirka tnax-il xahar ilu D E waqqaf il-manteniment peress illi gie dizokkupat.

5. B C kelli nitlob il-beneficcju socjali u wara li ghaddejt id-dokumenti mehtiega gejt moghtija din l-assistenza socjali.

6. D E ghadu sallum jircievi l-beneficcju tal-qaghad u jghid li kull tant zmien jahdem fuq bazi part time.

7. Nhar il-hamsa ta’ Ottubru 2007 gie mwaqqaf il-beneficcju ta’ l-assistenza socjali tieghi u ghalkemm spjegajt lid-dipartiment illi l-manteniment hu tant mehtieg ghac-cirkostanzi ohra li sibt ruhi fihom sallum ghadni minghajr hlas.

8. Fuq parir ta’ ufficjali mid-dipartiment tas-sigurta socjali, tlabt lil D E b’ xi proceduri li kienu fl-obbligu tieghu pero’ D E irrifjuta li jaghmel dan sabiex s-sentenza tigi mharsa.

Ghaldaqstant nitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex din il-Qorti tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza ta’ l-Onor. Qorti ta’ l-Appell moghtija fid-19 ta’ Ottubru 1994, stante li l-intimat ghandu ntrojtu u ghalhekk huwa obbligat li jonora l-obbligazzjoni mposta minnu mis-sentenza fuq citata.

Nitlob ukoll l-ispejjez ta’ din il-kawza.

Nitlob ukoll li l-hlas li tlift jigi moghti lili f' kaz illi sad-data hekk kif tiddeciedi l-Qorti jekk tibqa' f' din is-sitwazzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa'kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob l-esekuzzjoni ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-19 ta' Ottubru 1994 fl-ismijiet "D E proprio et nomine vs B E"; kif ukoll sabiex din il-Qorti tordna li hlas tal- manteniment arretrat dovut lill-attrici.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li permezz ta' l-imsemmija sentenza l-konvenut odjern kien gie ordnat jissomministra lil martu l-attrici ghaliha s-somma ta' LM60 fix-xahar bil-quddiem b' awment ta' 25% minn kull zieda li jkollu l-attur fil-paga tieghu jew increment iehor, kif ukoll kwart tal-bonus li huwa jircevi kull sitt xhur mill-post fejn ikun qed jahdem.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici tispjega li wara l-imsemmija sentenza l-konvenut hallas manteniment ghal perijodu ta' circa sentejn, imbaghad waqaf. Tghid li hu kien jircevi l-beneficju tal-qaghad, u dan, nonostante li hu kien jghidilha li minn zmien ghal zmien jahdem fuq bazi part-time. Tghid li ghalhekk hi kienet tiehu l-assistenza socjali, li pero' twaqqaf f' Ottubru 2007 peress li qalulha li kellha "kapital bizzejjed biex jaghmel tajjeb"[1]. Hija spjegat l-impenji finanzjarji li ghandha, u ghalhekk kellha taghmel dawn il-proceduri biex tezegwixxi l-imsemmija sentenza.

[1] Fol.34

Illi fl-affidavit[2] tieghu l-konvenut jghid li meta l-mara tieghu, l-attrici, ghaddiet il-kura u kustodja materjali taz-zewg uliedhom lill-konvenut, "dak iz-zmien jiena waqaft nahdem biex inkun f' pozizzjoni li niehu hsieb uliedi li dak iz-zmien kellhom tnax [12] u erbatax [14]-il sena."[3] Jghid li huwa kien jircevi beneficju socjali that l-iskema tas-Single Parent, u apparti dan, kien jaqla' madwar LM60 fix-xahar." Jghid li "bhalissa nahdem part-time" zewg granet fil-gimgha u ghandu ntrojtu ta' €260 fix-xahar; u ma jircevi ebda tip ta' beneficju minghand il-Gvern. Jghix f' post bil-kera ta' "madwar mija u ghoxrin ewro fix-xahar." Il-konvenut jghid li minn mindu l-mara affdatlu t-tfal f' idejh, hija qatt ma talbitu manteniment; u llum mhuwiex fil-pozizzjoni li jhallas manteniment lill-attrici.

Illi mix-xhieda tad-dipartiment tas-Sigurta' Socjali u d-dokumenti esebiti jirrizulta li l-konvenut kien ha beneficju tal-qaghad mid-9 ta' Settembru 1995 sal-15 ta' Gunju 2007.[4] Jidher li dan il-beneficju twaqqaf meta l-konvenut zied fl-introjtu tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car li, wara sentejn li l-konvenut kien gie ordnat mill-Qorti li jhallas lil martu r-retta alimentari fuq indikata, huwa waqqaf l-impieg tieghu fuq il-pretest li kellu jiehu hsieb iz-zewgt-it tfal minuri li f'dak iz-zmien kienu fil-kura u kustodja tieghu; bil-konsegwenza li beda jiehu beneficju socjali u jahdem b' introjtu fil-parametri permessi biex ma jitlifx dan il-beneficju. Jidher li sussegwentement huwa beda jahdem, tant li f' Gunju 2007 il-beneficju tal-qaghad twaqqaf.

Illi rigward it-tezi tal-konvenut li llum huwa mhuwiex fil-pozizzjoni li jhallas il-manteniment ordnat bis-sentenza precitata, il-Qorti tosserva:

[1] li kien obbligu jew oneru tieghu li jipprocedi gudizzjarjament biex igib varjazzjoni ta' l-imsemmija

---

[2] Prezentat 9 ta' Dicembru 2008

[3] Fol.52

[4] Eskluzi l-overpayments li kienu saru minn naha tad-dipartiment, kif jirrizulta mid-dokumenti RD1 fol.74

sentenza fuq fatti sopravventi – haga li l-konvenut ma ghamilx ghax hassu komdu li ma jhallasx il-manteniment ordnat u, inoltre, jippercepixxi l-beneficju socjali. Ghaldaqstant l-ordni kontenuta fis-sentenza precitat baqghet valida u esegwibbli;

[2] li kien l-obbligu u l-oneru ta' l-attrici li meta l-konvenut waqqaf jhallas il-manteniment hija tipprocedi gudizzjarjament kontra tieghu – haga li l-attrici ma ghamlitx ghax hassa komda tippercepixxi l-beneficju socjali; u ghalhekk halliet sa Gunju 2008 biex tipprocedi ghall-ezekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza, meta twaqfilha l-beneficcju socjali;

[3] li llum-il gurnata l-konvenut jahdem bi qligh, u ma hemmx dubju li ghandu l-potenzjal li jaqla' introjtu adegwat biex anke jhallas il-manteniment ordnat. Fil-fatt mhux qed jiehu beneficju socjali tal-qaghad.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet [1] u [3] ta' l-attrici huma gustifikati, filwaqt li t-tieni talba hija parzjalment gustifikata, fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel u t-tieni talba, u, fit-termini ta' l-artikolu 258 tal-Kap.12 tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq citata, u tordna li l-konvenut ghandu jhallas l-imsemmija rata alimentari lill-attrici mill-15 ta' Gunju 2007.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut u r-rimanenti terz jibqa' a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------